# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2001**

**Numru 49**

**Citaz. Nru. 1716/98GV**

**Doc. Nru. 18-01**

**V.P.J. Limited**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet illi fit-tlettax (13) ta' Ottubru, 1994 il-Korporazzjoni Enemalta assenjat lis-socjeta' attrici t-tender ghall-provizjoni, trasport u tqeghid ta' blat imdaqqas ghall-protezzjoni ta' cables taht il-bahar f'Kemmuna u servizzi konnessi u accessorji (tender numru "E/T/91/1/94 - Transporting and Laying of Armourage Boulders for Submarine Cable - Comino") u s-socjeta' attrici minnufih bdiet ix-xoghlijiet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru, 1994.

Premess illi s-socjeta' attrici wettqet ix-xogholijiet kollha elenkati fit-tender kif ukoll ghamlet xoghlijiet addizzjonali fuq struzzjonijiet moghtija minn ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta li kienu fuq il-post tax-xoghol.

Premess illi skond ma jirrizulta mill-invoice hawn annessa u mmarkata Dok. A il-prezz ghax-xoghol li sar mis-socjeta' attrici kien jammonta komplessivament ghal sebat elef, mija u wiehed Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm7101.25).

Premess illi l-Korporazzjoni sallum hallset biss is-somma ta' hamest elef, mija u tnax-il Lira Maltin u disghin centezmu (Lm5,112.90).

Is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, disa' mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1,988.35) bilanc tal-prezz.

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mill-ghaxra (10) ta' Mejju, 1995 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-Korporazzjoni konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Korporazzjoni Enemalta a fol 11 fejn eccepiet:

Illi l-azzjoni attrici hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li x-xogholijiet imwettqa mis-socjeta' attrici ma sarux skond il-ftehim bejn il-partijiet u ghalhekk l-ammont mitlub m'huwiex dovut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, disa' mija, tmienja u tmenin liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1,988.35) bilanc ta' prezz ta' tender ghall-provizjon, trasport u tqeghid ta' blat imdaqqas ghall-protezzjoni ta' cables .

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li x-xogholijiet imwettqa mis-socjeta' attrici ma sarux skond il-ftehim bejn il-partijiet u damu hafna ma tlestew.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi kienu hadu t-tender in kwistjoni f'Ottubru, 1994 u kellhom ilestu x-xoghol fi zmien tlett (3) gimghat mid-data ta' l-ordni. Fil-fatt ix-xoghol ma tlestiex f'dak iz-zmien imma fi zmien seba' (7) xhur, cioe' f'Mejju, 1995. Ghalhekk il-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu l-bilanc li qed jitolbu l-atturi billi x-xoghol ma sarx kif miftiehem. Huma qed jippretendu (ara Dok E3 a fol 82 u dok a fol 74 li huma m'ghandhom jaghtu xejn "because of the delay from your end… we have a right to claim the full penalty for delay as works were carried well in 1995".

Illi l-konvenuti qed jippretendu li hemm tpacija bejn l-ammont mitlub u l-penali li huma intitolati ghaliha imhabba dewmien.

Illi in tema legali, gie ritenut mill-Qrati Taghna li l-kompensazzjoni ssir ipso jure u anke minghajr ma jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu ndaqs. Izda l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso jure' ghar-rigward tal-krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra. Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi. Fil-kaz in ezami l-atturi qed jikkontestaw li kien hemm dewmien li jintitola lill-konvenuti ghal penali. Il-konvenuti ma ghamlu ebda kontrotalba jew citazzjoni ad hoc f'dan is-sens.

Il-konvenuti qed jippretendu wkoll li x-xoghol kellu jsir fi zmien tlett gimghat minn meta saret l-ordni. (ara fol 80). Minn naha l-ohra l-atturi qed jissottomettu li fil-kaz in ezami dana t-terminu ta' tlett gimghat ma setghax jibda mit-tlettax (13) ta' Ottubru, 1994 billi x-xoghol kien jiddependi mill-elementi naturali u x-xoghol setgha jsir biss jekk ma jkunx hemm maltemp.

Jirrizulta li dana x-xoghol kellu jsir mill-atturi, flimkien ma' haddiema tal-konvenuti, u taht is-sorveljanza ta' inginiera tal-konvenuti. In charge mis-supervizjoni tal-esekuzzjoni tal-kuntratt kien l-inginier Charles Borda, impjegat mal-konvenuti.

Borda xehed, u dana hu konfermat mill-atturi, li hu kien ircieva l-file fl-ahhar ta' Ottubru, 1994 u nforma lill-atturi li hadu l-kuntratt u spjegalhom id-dettalji tax-xoghol li kellu jsir. Fl-ahhar ta' Novembru l-atturi infurmaw lill Borda li l-barge kienet mghobbija bil-boulders u kienu lesti biex jibdew ix-xoghol meta t-temp jippermetti. Huma kienu qed jistennew lil Borda jghidilhom meta u fejn kellhom jahdmu. Borda xehed li bejn Novembru u Jannar kien maltemp u ma ppruvawx jibdew. Imbaghad fl-ahhar ta' Jannar ipprovaw izda ma rnexxilhomx. Regghu ippruvaw erba' darbiet ohra fi Frar imma ghalxejn. Imbaghad bejn Frar u Mejju kien il-maltemp u kien biss f'Mejju li rnexxilhom jaghmlu x-xoghol. Fil-fatt huma bdew ix-xoghol u spiccawh f'sitt (6) ijiem ghax it-temp kien jippermetti.

Il-konvenuti, permezz tax-xhud Tarcisio Mifsud qalu li fil-fatt l-atturi kieku riedu setghu jaghmlu x-xoghol qabel billi skond ir-records tat-temp li ghandhom, Dok DCA a fol 73, jirrizulta li t-temp kien tajjeb qabel Jannar, 1995 u f'Mejju, 1995, meta sar ix-xoghol, invece, kien rih.

Fuq dana l-punt Charles Borda spjega x'kienet id-diffikolta tax-xoghol u l-bzonn li jkollok temp perfettament kalm biex tkun tista tibda u tispicca x-xoghol. Hu xehed li:

> Huma kellhom isibu gurnata b'temp tajjeb biex ikunu jistghu jippjanaw ix-xoghol u jmorru. It-temp kien jikkmanda kollox. Huma kellhom jidhlu fil-baxx kwazi fuq il-blat u jekk ikun hemm swell il-barge tibda tahbat mal-qiegh… Hu u V.J.P. kienu jcemplu lil xulxin kwazi kuljum biex jaraw it-temp x'ser jaghmel halli jippreparaw biex imorru. Gieli kien ikun hemm gurnata li l-bahar ikun lixx u malli jiftiehmu li jmorru jerga' jqala'. Anke meta il-Met Office ighidlek fine jew slight swell dik ma tkunx tajba ghalina ghalkemm ikun bnazzi. Is-swell ihabbat il-barge mal-qiegh.. Il-barge kien ippreparat ghax-xoghol u x-xoghol ma sarx minhabba t-temp li ma kienx tajjeb. Biex ix-xoghol isir il-bahar irid ikun perfettament kalm. Meta t-temp kien tajjeb bdew ix-xoghol u spiccawh f'sitt ijiem. Bejn Frar u Mejju ma sabux zmien tajjeb biex jaghmlu x-xoghol. Meta kien ikun hemm gurnata bnazzi l-ghada kien ikun hazin.

Dan gie konfermat minn Victor Zammit li kien ikun prezenti meta sar ix-xoghol ma' Charles Borda u l-haddiema tal-konvenuti. Hu zied ighid li l-barge kienet imghobbija minn Novembru u sa Mejju ma setghax juza ghal xi haga ohra.

Hemm differenza bejn kostatazzjonijiet tat-temp li jsiru fuq il-post fil-gurnata proprja u kostatazzjoni ta' figuri dwar temp miktubin fuq karta fuq desk. Kif xehed Borda *anke meta il-Met Office ighidlek fine jew slight swell dik ma tkunx tajba ghalina ghalkemm ikun bnazzi. Is-swell ihabbat il-barge mal-qiegh. It-temp irid ikun perfettament kalm.*

Tarcisio Mifsud isostni li l-versjoni ta' Charles Borda mhiex konvincenti. Il-Qorti tirrileva li Borda kien haddiem tal-Enemalta stess li kien imqabbad minnhom biex jissorvelja dan ix-xoghol u l-esekuzzjoni tal-kuntratt. Jekk l-Enemalta qabbdet persuna li hija stess m'ghandiex fidjucja fih, mhux tort ta' l-atturi, li m'ghandhomx ibatu ghan-nuqqasijiet tal-konvenuti u l-haddiema taghhom.

Kien l-istess Charles Borda li talab li jsir extra work li inqalgha l-htiega tieghu waqt li kien qed isir x-xoghol u hu kkonferma n-necessita ta' dana x-xoghol.

Borda kien iffirma ghal dina l-kwantita zejda li kienet necessarja. (ara minuti ezebiti).

Jirrizulta wkoll li l-konvenuti kienu kuntenti mix-xoghol li sar mill-atturi u qatt ma ilmentaw maghhom dwar ix-xoghol u lanqas ma semmew dewmien la verbalment u lanqas bil-miktub. Kien biss meta l-file wasal ghand id-dipartiment tal-finanzi li bdew l-oggezzjonijiet.

Illi ghalhekk l-ammont mitlub mill-atturi hu dovut u bhala ammont dan ma giex kontestat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti; tilqa t-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**